MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Talba Numru. 2358/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Andrea Calleja abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Andrea Calleja**

**Vs**

**Graziella Sultana**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Dicembru 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm184.31 (mija tmienja u erbghin Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident stradali li sehh nhar it-13 ta' Ottubru 2002 gewwa Ta' Xbiex.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub ta’ mija u erbgha u tmenin Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm184.31) jirraprezenta d-danni kollha sofferti mill-attur Andrea Calleja assigurat tas-socjeta` attrici Fogg Insurance  Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ mija u disgha u hamsin Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm159.31), is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) l-istess Andrea Calleja in linea ta’ *excess payment*, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta’ Ottubru 2002 ghall-habta tas-2.30pm gewwa Ix-Xatt, Ta’ Xbiex, bejn il-vettura propjeta` ta’ l-attur Andrea Calleja, bin-numru ta’ registrazzjoni GRR 888 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta’ registrazzjoni EAI 435, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-6 ta’ Settembru 2004 u ta’ l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma’ dan l-att lis-socjeta` assikuratrici Montaldo Insurance Agency Limited bahal agenti tas-socjeta` estera American Home Assurance Company, u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmija ittra ufficjali tas-6 ta’ Settembru 2004 kontra l-konvenuta li tibqa` minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:

L-esponenti tirrespingi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-atturi, u kontenuti fl-Avviz tat-Talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli is-sewwieq tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GRR 888, ossija Andrea Calleja, kawza ta’ imprudenza, imperizja u nuqqas ta’ osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi fil-kollizzjoni odjerna in ezami hemm divergenza rigward l-okkorenza taghha, filwaqt li l-attur u x-xhud tieghu jghid illi, il-vettura konvenuta waqfet u giet lura fuqhom bir-reverse. Il-konvenuta tallega illi kienet l-istess vettura attrici li baqghat diehla fuq il-vettura taghha meta din waqfet biex tista tiehu konjizzjoni tal-ambjent kif kienet qed isuq.

Illi l-attur u l-passiggiera tieghu baqghu jsostnu din il-versjoni a tempo vergine anka dak in-nhar ta’ l-incident. Da parti taghha l-konvenuta qalet li bbrejkjat ghax hasbet li t-triq kienet one way u l-vettura dahlet fuqhi minn wara. L-attur u l-passiggier imorru oltre minhekk fis-sens li l-konvenut ma ghamlitx hekk biss, izda tefat il-gear bir-reverse u giet b’lura fuhom, billi raw anki d-dawl jixghel tar-reverse. Seduta stante il-konvenuta meta xehedet fis-seduta ta’ l-1 ta’ Marzu 2006, hija stqarret li kienet miexja bil-mod, b’xi ghaxar mili fis-siegha tesplora t-tabelli peress illi kienet qed tivverifika jekk inbidlux jew le. F’daqqa wahda f’habta u sabta thoss daqqa minn wara qisu xi hadd kien qed jinbottaha l-quddiem.

F’ tali sitwazzjoni t-Tribunal ihoss illi ghandhu jakkolji l-versjoni attrici peress li din hija aktar verosimili, fit-triq bhal Ta’ Xbiex fejn it-tlett sigriet hemm wisa bizzejjed biex persuna tesplora t-triq, ancor che ex admissis mill-konvenuta, dina kienet fid-dubju jekk hix sejra fid-direzzjoni propizia, qed ticcekja t-tabelli u f’ambjent bhal dak ma tistax vettura b’dik il-velocita biex issir tali esplorazzjoni. Jekk kellha taghmel din l-esplorazzjoni, kellha jew tieqaf jew titfa mal-genb u ssuq mal-genb, xi haga li hija ma ghamlitx a riskju taghha. Pero’ hija marret aktar minhekk u jistax ikun ukoll illi waqt li qed tesplora dawn it-tabelli, hija ndunat b’xi sinjal li ma kienx qieghed favur is-sewqan taghha u dina sabiex tarah ahjar tieqaf

habta u sabta minghajr indikazzjoni lil vettura li tkun gejja warajha u mhux hekk biss izda giet bl-lura bir-reverse biex tesplora ahjar. Dan huwa konformi ma dak espress sia mill-attur u sia mill-passiggiera tieghu. L-esercizzju li kien qed jigi espletat mill-istess konvenuta ma kienx wiehed idoneu f'dak l-ambjent u kellhu jsir b'mod totalment differenti biex  ma tigix kreata xi periklu fil-konfront ta' utenti ohra tat-triq.

Illi quantum tad-danni ma giex kontestat u ghalhekk qed jigi akkordat. Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta. Jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma  ta' mija u erbgha u tletin lira Maltin u tlettax il-centezmu (Lm134.13), bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------